

**DEĊIŻJONI (UE) 2017/937 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-23 ta' Mejju 2017****li tinnomina kapijiet ta' unità ta' ħidma biex jadottaw deċiżjonijiet iddelegati dwar is-sinifikanza ta' entitajiet taħt superviżjoni (BĊE/2017/17)**

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar il-qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tiegħu,Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/934 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar id-delegazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar is-sinifikanza ta' entitajiet taħt superviżjoni (BĊE/2016/41) <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi indirizzat in-numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet li l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta għat-twertiq tal-kompiti superviżorji tiegħu, ġiet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati speċifiċi.
- (2) Deċiżjoni ta' delegazzjoni hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li tinnomina kap jew kapijiet ta' unità ta' ħidma biex jieħdu deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' delegazzjoni.
- (3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delegazzjoni u n-numru ta' destinatari li lilhom ikollhom jintbagħtu deċiżjonijiet iddelegati għandhom jitqiesu mill-Bord Eżekuttivekuttiv fin-nominazzjoni ta' kapijiet ta' unità ta' ħidma.
- (4) Il-Presidenza tal-Bord Superviżorju ġiet ikkonsultata dwar il-kapijiet tal-unità ta' ħidma li lilhom għandhom tiġi ddelegata s-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet dwar is-sinifikanza tal-entitajiet taħt superviżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Deċiżjonijiet iddelegati li jikklassifikaw jew jieqfu jikklassifikaw entità taħt superviżjoni bħala sinifikanti fi ħdan grupp sinifikanti taħt superviżjoni jew li jbiddu l-isem ta' entità sinifikanti taħt superviżjoni**

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikolu 3(1), (2) jew (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/934 (BĊE/2016/41) għandhom jiġu adottati minn wieħed mill-kapijiet li ġejjin ta' unità ta' ħidma:

- (a) Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp relevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I;
- (b) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali II, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp relevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali II; jew
- (c) jekk Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, il-Viċi Direttur Ġenerali tagħhom.

<sup>(1)</sup> Ara paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(2)</sup> Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(3)</sup> ĠUL 80, 18.3.2004, p. 33.

*Artikolu 2***Deċiżjonijiet iddelegati li ma jibqgħux jikklassifikaw entità sinifikanti taħt superviżjoni jew grupp sinifikanti taħt superviżjoni bħala sinifikanti**

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/934 (BĊE/2016/41) għandhom jiġu adottati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali III, jekk id-Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, il-Viċi Direttur Ġenerali, u wieħed mill-kapijiet li ġejjin ta' unità ta' ħidma:

- (a) Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp relevanti taħt superviżjoni titwettag mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I;
- (b) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali II, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp relevanti taħt superviżjoni titwettag mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali II; jew
- (c) jekk Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, il-Viċi Direttur Ġenerali tagħhom.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Mejju 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---